



KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 20.10.2004
KUMM(2004) 701 finali

**KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI
LILL-KUNSILL U LILL-PARLAMENT EWROPEW**

It-tħejjija u l-ġestjoni tal-konsegwenzi fil-ġlieda kontra t-terroriżmu

WERREJ

1.	INTRODUZZJONI	3
2.	IL-QAFAS TAL-PROTEZZJONI ĊIVILI	3
2.1.	Il-Mekkaniżmu Komunitarju tal-Protezzjoni Ċivili.....	3
2.2.	It-titjib tat-tħejjija bis-saħħa tat-taħriġ u l-eżerċizzji ta' simulazzjoni.....	4
2.3.	L-identifikazzjoni u l-valutazzjoni tal-kapaċitajiet	5
3.	IL-ĦARSIEN TAS-SAĦĦA.....	6
3.1.	L-isfida	6
3.2.	Il-kooperazzjoni fil-qasam tal-ħarsien tas-saħħa	6
3.3.	L-għarfien tat-theddida u l-arranġamenti għall-kmand u l-kontroll: Mekkaniżmu għat-tpartit ta' tagħrif, konsultazzjoni u koordinazzjoni.....	7
3.4.	Is-sorveljanza u l-lokalizzazzjoni: Il-kapaċità għall-katalogar u l-inventarju, il-lokalizzazzjoni u l-identifikazzjoni	7
3.5.	Reazzjoni u rkupru: Bank ta' tagħrif tal-ħażniet mediċinali u tas-servizzi tas-saħħa u arranġamenti għall-provvista ta' mediċini, speċjalisti, oġġetti mediċi oħra u infrastruttura.....	8
3.6.	Il-Prevenzjoni u l-Ħarsien: il-biosigurtà u l-projbizzjoni taċ-ċirkolazzjoni ta' l-aġenti u l-biosigurtà	9
3.7.	It-titjib tat-tħejjija u tar-reazzjoni.....	9
3.8.	Kooperazzjoni internazzjonali	10
4.	IX-XBIEKI GĦAT-TWISSIJA F'WAQTHA TA' L-ISFERA KOMUNITARJA	10
4.1.	Sistemi tal-Kummissjoni għat-twissija f'waqtha għall-emerġenzi li diġà jeżistu.....	10
4.2.	It-tisħiħ tas-sistemi ta' emerġenza mmexxija mill-Kummissjoni	10
4.3.	Xibka ta' l-Unjoni Ewropea għall-infurzar tal-liġi	11
4.4.	Xibka Informattiva għat-Twissija dwar l-Infrastrutturi Kritiċi ta' l-Unjoni Ewropea	12
	ANNESI TEKNIĊI	13

1. INTRODUZZJONI

Il-Kunsill Ewropew ta' Ġunju 2004 staqsa lill-Kummissjoni u lill-Kunsill biex jivvalutaw il-kapaċitajiet ta' l-Istati Membri biex jipprevjenu u jikkonfrontaw l-attakki terroristiċi u jtejbju l-kooperazzjoni eżistenti fil-qasam tal-protezzjoni ċivili. Din il-Komunikazzjoni tagħti ħarsa ġenerali lejn l-azzjonijiet li bħalissa qiegħda tiegħu l-Kummissjoni u tipproponi miżuri addizzjonali sabiex issaħħaħ l-istrumenti eżistenti u twettaq il-mandati mogħtija mill-Kunsill Ewropew.

2. IL-QAFAS TAL-PROTEZZJONI ĊIVILI

2.1. Il-Mekkaniżmu Komunitarju tal-Protezzjoni Ċivili

L-assistenza reċiproka u l-azzjoni kollettiva huma kemm imperattiv politiku kif ukoll hteġa prattika fil-każ ta' attakk terroristiku. Dawn l-attakki jistgħu jeħtieġu l-involviment ta' bosta skwadri ta' reazzjoni differenti, mill-forzi tradizzjonali tal-protezzjoni ċivili għal riżorsi tekniċi u xjentifiċi aktar sofistikati. Il-kapaċitajiet meħtieġa sabiex jiġu affrontati l-konsegwenzi ta' l-attakki terroristiċi jistgħu faċilment ikunu aktar mill-kapaċitajiet tal-pajjiż milqut. Hija biss l-azzjoni kollettiva, imsejsa fuq is-solidarjetà, li tista' tiżgura tweġiba f'waqtha u xierqa għal *kull* xenarju terroristiku.

Min-naħa tagħha, il-Kummissjoni lesta tgħin lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni ta' l-impenn għas-solidarjetà tagħhom bis-saħħa tal-Mekkaniżmu Komunitarju tal-Protezzjoni Ċivili. Imwaqqaf f'Ottubru 2001, dan żviluppa malajr fi strument ewlieni għall-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam tal-protezzjoni ċivili. Il-parteċipazzjoni fil-Mekkaniżmu kibret għal total ta' 30 pajjiż (l-UE-25, il-Bulgarija, ir-Rumanija, l-Iżlanda, il-Liechtenstein u n-Norveġja), b'oħrajn juru interess f'li jieħdu sehem fil-Mekkaniżmu. Il-Kummissjoni ħadmet mill-qrib ma' l-Istati Membri sabiex tiżviluppa sensiela ta' azzjonijiet u strumenti bil-għan li jtejbju t-tnejn u jhaflu l-għajnuna reċiproka f'każ ta' diżastru kbir. L-aktar fatt importanti huwa li l-Mekkaniżmu – li jista' jissejjaħ minn kull pajjiż milqut minn diżastru kbir – bħalissa jagħti appoġġ f'waqtu għal emerġenzi varji, u dan ippermetta li tinkiseb l-esperjenza u li jittieħed vantaġġ minn dawn l-esperjenzi.

Meta jintlaqtu minn diżastru, l-awtoritajiet nazzjonali tal-pajjiż milqut jistgħu jippreżentaw talba għall-għajnuna liċ-Ċentru ta' Monitoraġġ u Informazzjoni (MIC), li jibgħat minnufih din it-talba lix-xibka tiegħu ta' punti ta' kuntatt nazzjonali. Huwa mbagħad f'idejn il-pajjiżi individwali sabiex jaraw humiex f'qagħda li jagħtu l-għajnuna. L-MIC jiġbor it-tweġibiet u l-pajjiż li qed jagħmel it-talba jista' jagħżel il-kapaċitajiet li jeħtieġ sabiex iżidhom ma' l-assi disponibbli tiegħu. Barra minn hekk, l-MIC jista' wkoll joffri appoġġ tekniku u jibgħat skawdri żgħar ta' esperti sabiex jikkoordinaw l-għajnuna jew jikkollaboraw ma' l-awtoritajiet nazzjonali jew l-organizzazzjonijiet internazzjonali.

L-MIC jiġbor ukoll informazzjoni validata tul l-emerġenza u jipprovdi aġġornamenti regolari lill-pajjiżi kollha li jkun qad jieħdu sehem. Sistema ta' komunikazzjoni u informazzjoni apposta (CECIS) qed tiġi implimentata fl-2004 sabiex tiżgura tixrid ta' informazzjoni aktar effiċjenti waqt l-emerġenzi.

Sa llum, l-MIC ikkoordinat l-għajnuna Ewropea għall-protezzjoni ċivili f'għadd ta' diżastri naturali u miġjuba mill-bniedem. Fl-aħħar sentejn, aktar minn 10 pajjiżi differenti gawdew

mill-għajnuna għall-protezzjoni ċivili bis-saħħa ta' dan il-Mekkaniżmu. L-għajnuna pprovduta mill-MIC tkopri l-medda sħiħa ta' l-attivitajiet tradizzjonali tal-protezzjoni ċivili - fosthom it-tifi tan-nar, l-għajnuna medika, it-tiftix u s-salvataġġ - kif ukoll f'dak li għandu x'jaqsam ma' tagħmir jew għarfien aktar speċjalizzat. Għajnuna simili tista' tiġi pprovduta, fuq talba, fil-każ ta' attakk terroristiku. Il-valur miżjud tal-kooperazzjoni madwar l-UE jista' jitwettaq kull meta l-kobor tad-diżastru jaqbeż il-kapaċitajiet nazzjonali, kemm jekk hu diżastru naturali, inċident teknoloġiku jew theddida terroristika.

Fl-istess jum li l-Kunsill Ewropew adotta d-Dikjarazzjoni ta' Solidarjetà fil-25 ta' Mazaru 2004, il-Kummissjoni esprimiet ir-rieda u l-impenn tagħha biex tkompli ssaħħaħ aktar il-Mekkaniżmu Komunitarju għall-Protezzjoni Ċivili. Il-Komunikazzjoni dwar it-Tisħiħ tal-Kapaċità ta' l-UE fil-qasam tal-Protezzjoni Ċivili identifika dawn l-oqsma fejn jista' jsir titjib:

- koordinazzjoni u komunikazzjoni aħjar;
- l-interoperabilità tat-tagħmir tekniku, inkluża l-interoperabilità bejn il-qasam ċivili u l-qasam militari
- insinja komuni għall-iskwadri ta' intervent sabiex tittejjeb il-visibilità tas-solidarjetà Ewropea;
- it-tiftix tal-mezzi sabiex jiġi ffinanzjat it-trasport tat-tagħmir u ta' l-iskwadri f'każ ta' diżastru.

Il-Kummissjoni tintrabat li ttejjeb aktar is-sistema ta' l-għajnuna reċiproka skond dawn il-parametri. Sabiex ikunu effettivi, madankollu, kull waħda minn dawn il-proposti teħtieġ l-appoġġ sħiħ ta' l-Istati Membri.

2.2. It-titjib tat-tħejjija bis-saħħa tat-taħriġ u l-eżerċizzji ta' simulazzjoni

It-taħriġ huwa l-qofol tat-tħejjija u tar-reazzjoni għall-emerġenzi. Fuq livell Ewropew, il-Mekkaniżmu Komunitarju għall-Protezzjoni Ċivili ħa dem sfiq fit-tfassil u l-implimentazzjoni ta' programm ta' taħriġ għall-esperti nazzjonali u l-mexxejja ta' l-iskwadri. Dan il-programm attwalment huwa magħmul minn tliet elementi: korsijiet, eżerċizzji ta' simulazzjoni u sistema għat-tpartit ta' l-esperti.

L-udjenza li għalihom huma mfassla l-korsijiet tat-taħriġ tinkludi l-mexxejja ta' l-iskwadri nazzjonali, il-*liaison officers*, u l-esperti tekniċi, tal-valutazzjoni u tal-koordinazzjoni li huma eliġibbli li jieħdu sehem fl-interventi Ewropej għall-għajnuna 'il barra minn pajjiżhom. Il-kurrikulu ta' taħriġ ġie żviluppat b'attenzjoni sabiex ikopri t-tagħrif u l-ħiliet kollha meħtieġa biex ikun hemm kontribut effettiv għal interventi bħal dawn. Il-korsijiet, li jdumu ġimgħa, iħeġġu wkoll l-interazzjoni bejn il-parteċipanti sabiex jiġu promossi skambji ta' informazzjoni u għarfien dwar strateġiji ta' protezzjoni ċivili f'pajjiżi oħra.

L-ewwel ċiklu ta' taħriġ tlesta b'suċċess. Aktar minn 200 expert nazzjonali u mexxej ta' skwadra hađu dan it-taħriġ. Il-Kummissjoni se tkompli bl-isforzi tagħha f'dan il-qasam u, fejn possibbli, tintensifikahom. Ċiklu ieħor ta' taħriġ beda f'Settembru 2004.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni bihisebha torganizza korsijiet ta' taħriġ speċifiku dwar temi magħżula. Aktarx li jkunu jinkludu taħriġ dwar temi li għandhom x'jaqsmu ma' l-attakki

terroristiċi, bħall-kura psikoloġika jew psikosoċjali għall-vittmi u l-ħaddiema ta' salvataġġ, l-intervent f'ambjent ikkontaminat, eċċ. L-eżerċizzji ta' simulazzjoni huma importanti sabiex jistabbilixxu u jżommu sistema ta' reazzjoni effettiva u effiċjenti li tkun kapaċi tilqa' għat-theddiet għas-sigurtà pubblika. Jgħinu lil dawk li jagħtu l-ewwel għajjnuna sabiex japplikaw il-ħiliet tagħhom f'xenarju realistiku u jipproduċu sitwazzjonijiet ta' taġlim fuq livell ta' kumplessità li ma jistax jinkiseb fil-korsijiet tat-taħriġ. Għal dawk li qegħdin jieħdu ħsieb din is-sistema, dawn l-eżerċizzji jagħtu opportunità unika sabiex jiġu ppruvati u vvalutati l-proċeduri, jiġu identifikati l-problemi, u jseħħ progress li jibda mill-esperjenzi ta' l-imgħoddi.

Fuq livell Ewropew, il-Kummissjoni ffinanzjat, mill-2002 'l hawn, l-organizzazzjoni ta' 8 eżerċizzji ta' simulazzjoni kbar li involvew skawdri u esperti minn bosta Stati Membri. Dawn l-eżerċizzji seħħew fi ħdan il-qafas tal-Mekkaniżmu Komunitarju.

Tliet eżerċizzji tfasslu speċifikament sabiex jirriflettu xenarji terroristiċi: l-eżerċizzju Euratox (Franza) f'Ottubru 2002, l-eżerċizzju Common Cause (id-Danimarka) f'Ottubru 2002 u l-eżerċizzju EU Response (il-Belġju) f'Jannar 2003.

Taħt is-sistema ta' skambji ta' esperti, l-esperti nazzjonali jistgħu jaħdmu għal perjodu limitat fi Stati Membri oħra. Is-sistema hi mfassla sabiex jinqasmu l-għerf u l-għarfien u sabiex jiġi żgurat li l-Istati Membri kollha jistgħu jibnu fuq dan l-għerf kollettiv.

2.3. L-identifikazzjoni u l-valutazzjoni tal-kapaċitajiet

It-terroristi se jkomplu jikxfu u jisfruttaw il-vulnerabbiltajiet tagħna. Meta l-prevenzjoni u d-deterrenti ma jirnexxux u jseħħu l-attakki, hija biss sistema ta' reazzjoni organizzata sew li tista' tiggarrantixxi li nerġgħu lura għan-normalità f'qasir żmien. Dan jeħtieġ enfażi akbar fuq it-tħejjija għal ġrajjiet terroristiċi fuq kull livell. Bi tweġiba għal dan, il-Kummissjoni Ewropea żviluppat numru ta' attivitajiet u strumenti bil-għan li jidentifikaw u jivvalutaw il-kapaċitajiet ta' protezzjoni ċivili disponibbli għall-għajjnuna fuq livell Ewropew.

Il-ġbir tat-tagħrif huwa mod għat-tkabbir tat-tħejjija. L-informazzjoni dettaljata u ta' min joqgħod fuqha dwar l-assi u l-kapaċitajiet disponibbli għall-għajjnuna fuq livell Ewropew sejra tħaffef u tgħin l-ippjanar u, fl-aħħar mill-aħħar, tiżgura użu aktar razzjonali ta' riżorsi limitati. Id-Deċiżjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi l-Mekkaniżmu Komunitarju għarfet din il-ħtieġa u talbet lill-Istati Membri biex jagħmlu disponibbli lill-Mekkaniżmu Komunitarju t-tagħrif dwar l-iskwadri u l-esperti tal-protezzjoni ċivili. It-tagħrif li wasal mingħand l-Istati Membri ddaħħal fil-bank tat-tagħrif tal-protezzjoni ċivili li żżomm il-Kummissjoni. Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar it-Tisħiħ tal-Kapaċità tal-Protezzjoni Ċivili ta' l-UE, li ssemmiet aktar 'il fuq, identifikat numru ta' lakuni fl-informazzjoni u sejħet lill-Istati Membri biex jipprovdu aktar tagħrif dettaljat sabiex ikun hemm tħejjija u ppjanar aħjar.

Fl-2003, il-Kumitat Militari ta' l-UE ngħata l-mandat biex iwaqqaf bank tat-tagħrif ta' l-assi u l-kapaċitajiet militari li għandhom x'jaqsmu mal-ħarsien tal-popolazzjonijiet ċivili mill-effetti ta' l-attakki terroristiċi, fosthom l-attakki kimiċi, bioloġiċi, radioloġiċi u nukleari (CBRN). Fl-2004, il-kontenut tal-bank tat-tagħrif militari sar disponibbli għall-Mekkaniżmu Komunitarju sabiex itejjeb il-kapaċità komplessiva tagħha għat-tweġib.

Bi tweġiba għal-mandati mogħtija mill-Kunsill Ewropew ta' Ġunju, il-Kummissjoni bdiet proċess ġdid bil-għan li tivvaluta l-kapaċitajiet ta' protezzjoni ċivili disponibbli livell Ewropew għall-għajjnuna lill-pajjiżi milquta minn attakk terroristiku kbir. L-eżerċizzju mhuwix maħsub biex jagħti stampa realistika tar-riżorsi nazzjonali kollha tal-protezzjoni

ċivili li hemm fil-pajjiżi li qed jieħdu sehem, iżda jagħfas speċifikament fuq l-assi u l-kapaċitajiet li jistgħu jkunu disponibbli lil pajjiżi oħra fil-każ ta' attakk terroristiku kbir.

Il-Kummissjoni qed tħaddem strateġija msejsa fuq ix-xenarji sabiex tidentifika kemm il-ħtiġijiet għall-ghajnunata fuq livell ta' l-UE kif ukoll ir-riżorsi disponibbli għal interventi ta' għajnuna bħal dawn. Bil-għajnuna ta' l-esperti nazzjonali, il-Kummissjoni fasslet numru limitat ta' xenarji sabiex wieħed iwieġeb għall-attakki terroristiċi. Il-Kummissjoni żviluppat lista konsolidata, ibbażata fuq ix-xenarji, ta' l-assi u l-kapaċitajiet tal-protezzjoni ċivili meħtieġa biex jilqgħu għall-konsegwenzi ta' attakki terroristiċi kbar fl-Ewropa. Fasslet kwestjonarju komprensiv li jagħfas fuq it-tagħrif kwantitattiv u kwalitattiv u, fis-17 ta' Awwissu 2004, talbet lit-30 pajjiż li qed jieħu sehem fil-Mekkaniżmu Komunitarju biex jipprovdu informazzjoni dwar l-għajnuna għall-protezzjoni ċivili li setgħu joffru f'kull wieħed minn dawn ix-xenarji. Filwaqt, l-Istaff Militari ta' l-UE beda jaġġorna l-bank tat-tagħrif militari fuq il-bażi tal-lista konsolidata u tal-kwestjonarju żviluppati mill-Kummissjoni.

Ladarba tasal din l-informazzjoni, il-Kummissjoni sejra tikkonsolidaha u se tibda tħejji abbozz ta' rapport Ristrett ta' l-UE li jivvaluta l-kapaċitajiet disponibbli fuq livell Ewropew għall-għajnuna lill-pajjiżi milquta minn attakk terroristiku kbir. Dan ir-rapport se jiġi ppreżentat lill-Kunsill Ewropew ta' Diċembru. Dan ir-rapport jista' jkun għodda politika unika għall-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri, billi jippermettilhom isaħħu aktar il-qafas ta' protezzjoni ċivili fl-Ewropa u jikkonsolidaw l-impenji ta' solidarjetà li daħlu għalihom.

S'issa, huma ftit l-Istati Membri li wiegħu b'tagħrif xieraq. Kull Stat Membru għandu jieħu sehem bis-sħiħ jekk l-Unjoni se jkollha stampa preċiża tal-kapaċità tagħha għar-reazzjoni u jekk sejra tmexxi 'l quddiem il-ħila li għandha biex twettaq l-impenn ta' solidarjetà li ħadet.

3. IL-ĦARSIEN TAS-SAĦĦA

3.1. L-isfida

L-inċidenti u l-attakki terroristiċi li jinvolvu splussivi u aġenti kimiċi u bioloġiċi jistgħu jikkawżaw ħsarat u tfixkil kbar kif ukoll jiswew il-flus anki jekk ma joqtlux, jimmankaw jew jinvolvu aġenti ta' 'katastrofi bla limitu', bħall-ġidri, li jkompli jinxtered jekk ma jittieħdux miżuri effettivi għal kontrihi. L-azzjoni fil-qasam tas-saħħa maħsuba biex tkopri l-medda sħiħa ta' attivitajiet mill-valutazzjoni tar-riskju bis-saħħa tal-lokalizzazzjoni jew it-tneħħija tal-preżenza ta' aġenti bioloġiċi, kimiċi jew radioattivi f'pakketti, kompartimenti ambjentali jew bnedmin, annimali u pjanti, sal-komunikazzjoni tar-riskju bejn l-awtoritajiet tas-saħħa, il-professionisti tas-saħħa u l-pubbliku, sa l-immaniġġjar tar-riskju li jinvolvi l-introduzzjoni jew l-applikazzjoni ta' kontromiżuri fosthom il-pariri dwar l-ivvjaġġar, l-iscreening u t-traċċabbiltà tal-kuntatti, l-għoti ta' terapiji u trattamenti, id-dekontaminazzjoni, il-klassifikazzjoni medika (*triage*) tal-vittmi ta' diżastri varji tal-massa, l-iżolament, il-kwarantina, l-għeluq u l-projbizzjoni fil-konfront ta' stabbilimenti, sedi, u ċaqliq, u l-immaniġġjar u r-rimi kkontrollat ta' l-iskart.

3.2. Il-kooperazzjoni fil-qasam tal-ħarsien tas-saħħa

L-Istati Membri u l-Kummissjoni qed jaħdmu flimkien sabiex jiżguraw li hemm kapaċità u riżorsi xierqa u sabiex itejbu l-istat ta' tħejji u l-possibbiltà ta' reazzjoni fis-settur tas-saħħa għal kull inċident, ġej minn fejn ġej. F'Novembru 2001, ftiehm u dwar programm dwar is-

sigurtà tas-saħħa, li kien is-suġġett ta' komunikazzjoni tal-Kummissjoni KUMM(2003) 320 tat-2 ta' Ġunju 2003.

3.3. L-għarfien tat-theddida u l-arranġamenti għall-kmand u l-kontroll: Mekkaniżmu għat-tpartit ta' tagħrif, konsultazzjoni u koordinazzjoni

Il-pjattaforma għall-koordinazzjoni tas-sigurtà tas-saħħa fl-UE huwa l-Kumitat għas-Sigurtà tas-Saħħa, li twaqqaf f'Novembru ta' l-2001 mill-Ministri tas-Saħħa u l-Kummissarju għas-Saħħa u l-Ħarsien tal-Konsumatur. Dan il-Kumitat ipartat it-tagħrif dwar theddidiet li għandhom x'jaqsmu mas-saħħa, jikkoordina t-tħejjija, il-pjanijiet għar-reazzjonijiet fl-emerġenzi u l-istrateġiji għall-immaniġġjar tal-kriżijiet, ixxerred it-twissija dwar l-allarm u jikkomunika malajr fil-każ ta' inċidenti li għandhom x'jaqsmu mas-saħħa u li jikkonċernaw l-UE, jagħti pariri dwar l-immaniġġjar tar-riskju u jiffaċilita u jappoġġja t-taħriġ u t-tixrid tal-prassi t-tajba u ta' l-esperjenza.

Sistema ta' twissija f'waqtha li taħdem għal erbgħa u għoxrin siegħa kull jum tal-ġimgħa (RAS-BICHAT) tqabba il-Kummissjoni u l-membri tal-Kumitat tas-Sigurtà tas-Saħħa ma' punti ta' kuntatt b'funzjoni ta' appoġġ li jinsabu fl-uffiċċji governattivi apposta. Din is-sistema tikkomplimenta s-sistema ta' twissija u reazzjoni bikrija (EWRS) mwaqqfa bid-Deċizzjoni tal-Kummissjoni 2000/57/KE tat-22 ta' Diċembru 1999 għan-notifika formali ta' tifqigħat ta' mard u għall-konsultazzjoni u l-koordinazzjoni ta' kontromiżuri skond it-termini tad-Deċizzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill Nru 2119/98/KE. Iż-żewġ sistemi huma mqabba, bis-saħħa ta' proċeduri operattivi xierqa, ma' sistemi ta' twissija ta' l-UE li għandhom x'jaqsmu mas-saħħa u ma' sistemi li jixtarru u jsaffu l-informazzjoni li tinkiseb minn aġenziji ta' l-aħbarijiet u għejun speċjalizzati fuq l-Internet sabiex ikunu jistgħu jwasslu twissija bikrija dwar ġrajjiet ta' periklu u riskju kbir.

Is-sistemi ta' allarm u l-koordinazzjoni tal-miżuri ggarantiti minn din il-pjattaforma ta' kooperazzjoni għall-ħarsien tas-saħħa huma applikati għall-medda kollha ta' l-inċidenti, minn inċidenti u theddidiet sempliċi bħal konsenji ta' ikel li jagħmel il-ħsara jew ittri suspetti, sa mwiet tal-massa u l-projbizzjoni taċ-ċaqliq li għandhom mnejn jeħtieġu użu qawwi ta' assi ta' infurzar tal-liġi, sigurtà u anki militari.

3.4. Is-sorveljanza u l-lokalizzazzjoni: Il-kapaċità għall-katalogar u l-inventarju, il-lokalizzazzjoni u l-identifikazzjoni

L-aġenti bioloġiċi ġew prioritizzati skond ċerti kriterji, bħall-infettività, il-virulenza, il-persistenza fl-ambjent, il-ħeffa tal-manipulazzjoni u t-tixrid, u l-eżistenza ta' difiżi sabiex jilqgħu għat-tixrid u l-effetti tagħhom.

Hemm seba' laboratorji f'ħames Stati Membri ta' l-UE li huma xierqa biex jeżaminaw u jagħrfu kampjuni ta' aġenti b'riskju għoli bħal ma huma d-deni emoraġġiku virali u l-vajrus tal-ġidri (laboratorji P4) Twaqqfet xibka bejn dawn il-laboratorji sabiex ikunu jistgħu jingħataw servizzi djanjostiċi ta' kwalità lill-Istati Membri kollha u disponibbiltà ta' erbgħa u għoxrin siegħa kull jum tal-ġimgħa ħalli jkun jistgħu jikkomunikaw b'ħeffa ma' l-awtoritajiet nazzjonali u mal-Kummissjoni, u jorganizzaw testijiet u eżerċizzji, kif ukoll taħriġ u żvilupp tal-ħiliet.

Sabiex jissaħħu d-difiżi ta' biosigurtà, il-Kummissjoni tefgħet taħt sorveljanza obbligatorja *Bacillus anthracis* (għall-antraċe), *Franciscella tularensis* (għat-tularemia), *Coxiella burnetii* (għad-deni Q), and *Variola major* (għall-ġidri) billi żdiedu mal-lista ta' l-UE ta' l-aġenti

speċjali u peress li tniżżlu d-definizzjonijiet tal-każi għal dawn l-aġenti fid-deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/534/KE tas-17 ta' Lulju 2003. Barra minn hekk, sabiex tiġi identifikata għodda waħdanija u sabiex jiġu pprioritizzati l-azzjonijiet għas-sigurtà tas-saħħa, ġiet żviluppata matriċi flimkien ma' algoritmu għat-tehdid tad-deċiżjonijiet mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti ta' l-UE.

3.5. Reazzjoni u rkupru: Bank ta' tagħrif tal-ħażniet mediċinali u tas-servizzi tas-saħħa u arranġamenti għall-provvista ta' mediċini, speċjalisti, oġġetti mediċi oħra u infrastruttura

M'hemm l-ebda tilqim awtorizzat fl-UE kontra l-patoġeni bħall-ġidri jew il-pesta. Fil-biċċa l-kbira, it-tilqim awtorizzat kontra l-antraċe mhux disponibbli. Ittieħdet l-opportunità ppreżentata mir-reviżjoni attwali tal-leġislazzjoni farmaċewtika ta' l-UE sabiex jiġu introdotti emendi legali li jippermettu d-distribuzzjoni u l-preskrizzjoni ta' mediċini li l-kummerċjalizzazzjoni tagħhom mhix awtorizzata, u dan skond kundizzjonijiet xierqa f'dak li għandu x'jaqsam ma' responsabbiltà.

L-analiżi tal-kapaċità antibiotika ta' l-industrija wriet li x'aktarx se jkun hemm provvista biżżejjed biex taqdi t-talba li jkun hemm f'kull qagħda possibbli li tista' titbassar. Inkisbet u xxerdet informazzjoni, fuq bażi ristretta, dwar ħażniet ta' tilqim għal bioaġenti, antibiotiċi, antidoti u anti-virali fl-Istati Membri, u ntlaħaq ftehim dwar it-tagħrif ġenerali li jeħtieġ jinġabar dwar ir-riżorsi mediċi għall-għajnuna reċiproka f'qagħdiet mediċi katastrofiċi. Il-biċċa l-kbira ta' l-Istati Membri għandhom jew qed jiksbu ħażniet ta' tilqim kontra l-ġidri. Hemm provvista li mhix biżżejjed ta' immunoglobini li jintużaw għat-trattament ta' reazzjonijiet gravi kontra t-tilqim. Studju mill-Kummissjoni dwar id-dilwizzjoni tat-tilqim eżistenti kontra l-ġidri wera li din tista' taqla' problema f'kundizzjonijiet ta' emerġenza. Bħalissa qiegħda tittieħed azzjoni għall-iżvilupp ta' tilqim aktar żgħur u għall-formulazzjoni ta' strateġiji ta' tilqim, inkluż għall-influenza pandemika. Fuq talba tal-Kummissjoni, inħarġu linji ta' gwida mill-Aġenzija Ewropea għall-Valutazzjoni tal-Mediċinali dwar l-użu ta' mediċini kontra patoġeni potenzjali u l-iżvilupp ta' tilqim ibbażat fuq il-vajrus għal kontra l-ġidri.

Fuq il-bażi ta' ftehim u proċess ta' eżami reċiproku (*peer review*), ġew żviluppati linji ta' gwida kliniċi għall-għarfien u l-immaniġġjar tal-każ ta' mard marbut mal-patoġeni li għandhom mnejn jixxerdu apposta, u dan fil-konfront ta' l-antraċe, il-ġidri, il-botuliżmu, il-*pesta*, it-*tularaemia*, id-*deni emorraġiku virali*, id-*deni rqiq*, id-*deni Q*, il-*vajrus ta' l-enċefalite*, il-*glanders* u l-*meliodosi*.

Fil-każ tat-terroriżmu bl-użu ta' aġenti kimiċi, tfasslet sensiela ta' listi ta' aġenti kimiċi sabiex jiġu ddefiniti l-gruppi ta' sustanzi li jeħtieġu l-istess strateġiji mediċi u ta' saħħa pubblika. L-aspetti kliniċi u tossikoloġiċi reġgħu ġew eżaminati u l-informazzjoni minn sħarriġ taċ-ċentri għal kontra l-velenu mmexxiya mill-Kummissjoni ntużat sabiex jitfassal inventarju ta' għarfien kliniku kif ukoll marbut mal-laboratorji. Se titwaqqaf xibka ta' ċentri ta' intervent kontra l-aġenti kimiċi sabiex tirrapporta inċidenti li jikkonċernaw l-UE u tagħti pariri dwar kontromiżuri. Fl-aħħarnett, inkisbu mill-Aġenzija Ewropa għall-Valutazzjoni tal-Mediċinali, linji ta' gwida dwar l-użu ta' l-antidoti u l-mediċini għal kontra l-aġenti kimiċi.

Huwa pjuttost limitat l-għarfien dwar l-aġenti terroristiċi, il-mard li jikkorrispondi għalihom, l-immaniġġjar kliniku u epidemioloġiku tagħhom, u l-analiżi fil-laboratorju marbuta magħhom, u għalhekk hemm sforz sabiex jiġu identifikati esperti fil-qasam ta' l-UE li mbagħad se jitniżżlu f'direttorju li jkun maqsum mill-awtoritajiet ta' l-Istati Membri. L-esperti huma

maħtura mill-Kumitat għas-Sigurtà tas-Saħħa fi qbil mal-kriterji tal-kwalifiki, l-esperjenza u l-ħila li jkunu disponibbli minnufih kull meta tinqala' l-ħtieġa.

3.6. Il-Prevenzjoni u l-Ħarsien: il-biosigurtà u l-projbizzjoni ta' ċirkolazzjoni ta' l-aġenti u l-biosigurtà

L-UE għandha sistema regolatorja stretta għar-reġistrazzjoni ta' aġenti u materjali CBRN. Id-direttivi dwar l-aġenti bioloġiċi u kimiċi għall-għanijiet tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol introduċew, mill-1990, obbligi f'dak li għandu x'jaqsam mal-pussess, il-ħażna, il-manipulazzjoni u l-użu ta' dawn l-aġenti fuq il-postijiet tax-xogħol kollha, inklużi l-laboratorji, l-istituzzjonijiet akkademiċi u ta' riċerka, sptarijiet eċċ. Jeħtieġu wkoll kwalifiki xierqa u r-reġistrazzjoni ta' dawk kollha involuti fl-operazzjonijiet kollha msemmija. Jeżistu kundizzjonijiet stretti għar-reġistrazzjoni u l-manipulazzjoni ta' sustanzi radioattivi f'sensiela ta' direttivi dwar il-ħarsien radioloġiku tal-pubbliku u tal-ħaddiem mir-radjażzjoni ionizzanti. Kundizzjonijiet u salvagwardji stretti japplikaw ukoll fis-settur tas-sigurtà ta' l-ikel u kif ukoll f'dawk veterinarji u tas-saħħa tal-pjanti. Teżisti sistema obbligatorja għall-kontroll ta' l-esportazzjoni ta' oġġetti u teknoloġiji b'użu doppju, li fiha listi ta' aġenti radioloġiċi, nukleari, bioloġiċi u kimiċi li għalihom japplikaw dispożizzjonijiet stretti marbuta ma' sistemi internazzjonali ta' non proliferazzjoni u ta' arranġamenti għall-kontroll ta' l-esportazzjoni.

3.7. It-titjib tat-tħejjija u tar-reazzjoni

It-tħejjija u l-pjanifikazzjoni tar-reazzjoni huma priorità ewlenija għall-UE. L-għan prinċipali huwa li l-kontromiżuri ta' l-Istati Membri jsiru kompatibbli u interoperabbli. Għal dan il-għan, tfasslet lista ta' pjanijiet nazzjonali ta' emerġenza għall-qasam tas-saħħa. Fl-2005, se jitwettqu eżerċizzji madwar l-UE ta' valutazzjoni dwar il-ġidri u l-influenza pandemika sabiex jiġu vvalutati l-komunikazzjonijiet u l-kompatibbiltà tal-pjanijiet nazzjonali. Il-Kummissjoni, f'Marzu 2004, ippubblikat dokument ta' ħidma li jippreżenta l-proġett tagħha għat-Tħejjija u l-Pjanifikazzjoni tar-Reazzjoni Komunitarja għall-influenza pandemika. Issa qiegħda taħdem fuq it-tħejjija ta' pjan ġenerali ta' emerġenza għall-UE għall-qasam tas-saħħa.

L-Istati Membri u l-Kummissjoni qed jiżviluppaw mudelli ta' tbassir dwar il-progress tal-mard u t-tixrid ta' l-aġenti f'xenarji differenti u tagħrif varjabbli kwantitattiv u kwalitattiv dwar iċ-ċaqliq tan-nies, id-drawwiet soċjali, kundizzjonijiet varji ġeografiki, metereoloġiċi u ta' trasport u utilitajiet varji; dan sabiex jitkejjel l-impatt ta' kontromiżuri partikolari dwar il-ħarsien tas-saħħa, bħal ma huwa t-tilqim tal-massa u l-kwarantina. Dawn l-attivitajiet huma appoġġjati permezz ta' kofinanzjament Komunitarju pprovdut taħt il-programm ta' saħħa pubblika 2003-2008.

Ġie zviuppat programm ta' taħriġ li għandu żewġ ferġat: L-ewwel, hemm it-taħriġ fil-qasam ta' l-istħarriġ tat-tifqigħat ta' mard li jinxtered (EPIET), li huwa ko-finanzjat mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri u jipprovdri faċilità għall-użu flessibbli ta' l-għarfien kemm fi kif ukoll barra mill-UE. Min-naħa l-oħra, kors ta' taħriġ u produzzjoni ta' materjali dwar l-epidemioloġija forensika li tħejjew flimkien ma' l-Europol sabiex jitħarrġu konġuntament it-trejners mis-servizzi ta' l-infurzar tal-liġi u l-epidemioloġija applikata.

Iċ-Ċentru ta' l-Unjoni Ewropea għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard (miftiehem fil-21 ta' April 2004 mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill wara proposta mill-Kummissjoni), li se jitwaqqaf fil-ġejjieni, se jkun protagonist ewlieni fl-għoti ta' pariri lill-Istati Membri u lill-istituzzjonijiet ta' l-UE, kif ukoll fl-implimentazzjoni ta' l-azzjonijiet ta' sorveljanza u reazzjoni fil-qasam tas-sigurtà tas-saħħa.

3.8. Kooperazzjoni internazzjonali

